MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2014

Numru. 305/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs.**

**Carmelo Callus**
**Jason Callus**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra

**Carmelo Callus**, li ghandu numru tal-Karta tal-Identita' 0169959(M) ta' tnejn u hamsin (52) sena, bin Francis Xavier u Frances Xavier neé Aquilina, mwieled Paola, nhar il-25 ta' Frar 1959 u residenti '50', Charmar, Triq Sant'Ubaldeska, Paola

u

**Jason Callus**, li ghandu numru tal-Karta tal-Identita' 558591(M) ta' ghoxrin (20) sena, bin Carmel u MaryAnne neé Azzopardi, imwieled il-Pietà, nhar it-08 ta' Novembru, 1991 u residenti 50, Charmar, Triq Sant'Ubaldeska, Paola, akkuzati talli nhar is-17 ta' Marzu, 2012 ghall-habta ta' 16:30 hours gewwa 'Ta' Qali National Stadium', sitwat H'Attard u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. ikkagunaw feriti hfief fuq il-persuna ta' PC 1121 Brian Casingena u PC 1112 George Buhagiar u dan kif iccertifikat Dr. Maureen Bezina M.D. – Reg. No.: 5271, tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana li huma ufficjali pubblici;

2. attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi;

3. ingurjaw jew heddew persuni ta' uhud inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioé fuq il-persuna PC 1121 Brian Casingena u PC 1112 George Buhagiar u ufficjali ohra;

4. bi vjolenza jew b'theddid igieghel ufficjali pubblici u cioé lil ta' PC 1121 Brian Casingena u PC 1112 George Buhagiar li ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom;

5. naqsu li jobdu l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom mill-Pulizija waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghom jew ma hallewx jew fixklu waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

6. volontarjament kisru l-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u glied,

7. meta filwaqt li kienu qieghdin gewwa *ground* tal-isports gabu ruhhom abbuzivament bi ksur ta' 'Regolamenti biex jinzamm l-Ordni Pubbliku fil-*Ground*s tal-Isports' (L.S. 10.33 (7) *et sequitur*).

**<u>Lil Carmelo Callus wahdu talli</u>**:

8. fl-istess data, hin u cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat publiku sar hati ta' reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu hu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita' skond il-ligi, tordna illi l-imsemmija imputati ma jattendux fi *ground*s ta' sports ghal dak il-perjodu ta' zmien li din il-Qorti jidrilha xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "X" – *a fol.* 33).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputati, l-imputati taw il-kunsens taghhom sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 19 u 20).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputati jixhdu minn jeddhom u b'mod volontarju.

Semghet is-sottomissjonijiet finali *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 156 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' April 2012, xehed **PC 1112 George Buhagiar** (*a fol.* 34 *et seq.*) fejn spjega li fis-17 ta' Marzu 2012 kien xoghol fil-VIP area tal-*ground* nazzjonali f'hin li kienet qed tintlaghab loghba bejn Valletta u Birkirkara. Jghid li nqalghet xi kommozzjoni u ra lill-imputat Jason Callus jimbotta lil Pulizija, jaghti bil-minkeb u jipprova jidhol bejn il-Pulizija u l-persuni li kien hemm l-argument ghaddej maghhom. Jghid li Jason Callus beda jirrezisti Pulizija (billi jxengel minkbejh) li ppruvaw johorguh ghal gol-VIP *area*. Jghid li f'hin minnhom gie f'kuntatt ma' Jason Callus, ghadda jdejh minn taht idu u dawwarha mieghu u gibdu ghal gol-VIP *area* u f'dan il-hin Jason Callus baqa' jaghti bil-minkeb. Jghid li Jason Callus baqa' ghal xi hin b'dan l-atteggjament u ma riedx jimxi lejn id-direzzjoni li beda jiehdu hu u kellu jnizzlu mal-art biex setgha jimmanettjah. Jghid li nizzel lil Jason Callus il-*lock up* u wara xi hin ngib ukoll l-imputat Carmelo Callus li rrifjuta li jidhol fil-*lock up* u rrezista u Carmelo Callus laqghtu (lil PC 1112) fuq wiccu bic-catt u Carmelo Callus beda jghidlu biex isawtu u li hu kien qisu mejjet. Jghid li bid-daqqa li tah Carmelo Callus, hass xi hruq f'wiccu.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' April 2012, xehed ukoll **PC 5 Luke Busuttil** (*a fol.* 39 *et seq.*) fejn qal li kien xoghol fil-*ground* nazzjonali, nqala' xi argument bejn xi *supporters* u mar fuq persuna u hargu l-barra u hekk kif kien qed jaghmel hekk mar fuqu l-imputat Carmelo Callus u beda jkellmu b'mod aggressiv. Jispjega li mar il-kuntistabbli Brian Casingena u hin minnhom Carmelo Callus tah daqqa (lil Casingena) fuq xuftejh u mill-ewwel hareg id-demm.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' April 2012, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Kevin Farrugia** (*a fol.* 42 *et seq.*) fejn beda billi qal li ma kienx prezenti ghal dak li nqala' fil-*ground* u spjega li ha zewg

stqarrijiet (Dok. "KF 3" u "KF 4" – *a fol.* 11 u 12) minn ghand iz-zewg imputati.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' April 2012, xehdet ukoll **Gillian Carbone** (rapprezentant tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili – *a fol.* 44 *et seq.*) fejn qalet li l-imputat Carmelo Callus beda jahdem mal-Pulizija u gie assenjat maghhom fis-sena 1999. Spjegat li fis-sena 2000 l-imputat Carmelo Callus mar ufficjalment maghhom bhala *Assistant and Rescue Officer* u li fis-17 ta' Marzu 2012 kien ghadu f'din il-pozizzjoni.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' April 2012, xehed ukoll **Christian Borg** (rapprezentant tal-ETC – *a fol.* 46) fejn filwaqt li pprezenta *employment history* tal-imputat Carmelo Callus, li giet immarkata bhala Dok. "CB 1" – *a fol.* 48), ikkonferma li fil-prezent l-imputat imsemmi jinsab jahdem mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2012, xehed l-i**Spettur Robert Vella** (*a fol.* 50) fejn spjega li fis-17 ta' Marzu 2012 kien xoghol fil-*ground* nazzjonali f'Ta' Qali u f'hin minnhom nqalghet kommozzjoni bejn zewg settijiet ta' *supporters*. Spjega li f'hin minnhom l-iSpettur Edmond Cuschieri qallu li l-imputat Carmelo Callus kien hebb ghal Pulizija li kien qed jassisti waqt dan l-argument.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2012, xehed ukoll **PS 1195 Conrad Debattista** (*a fol.* 52) fejn spjega li fis-17 ta' Marzu 2012 kien xoghol fl-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat. Jghid li ma kienx prezenti waqt l-incidenti li kien hemm fil-*ground*. Ezebixxa r-rapport redatt minnu, liema rapport gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "CD 1" (*a fol.* 53 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2012, xehed ukoll **PS 518 Joseph Degiovanni** (*a fol.* 56 *et seq.*) fejn qal li meta kien fil-*ground*, l-imputat Jason Callus beda jirrezisti l-arrest u kellu jitpogga mal-hajt biex jigi arrestat u li eventwalment gie eskortat lejn il-*lock up* tal-*ground*. Jghid li wara xi hin gie eskortat ukoll l-imputat Carmelo Callus u x'hin kien ser jiddahhal fic-cella, Carmelo Callus irrezista u f'hin minnhom xejjer daqqa bic-catt fuq wicc PC 1112 George Buhagiar. Jghid li Carmelo Callus beda jisfida lil PC 1112 billi jghidlu biex isawtu.

In kontro-ezami kkonferma li Jason Callus rrezista l-arrest. Jghid li l-imputat Jason Callus ma riedx jimxi u ma riedx johrog minn gol-*ground*. Jghid li jista' jkun li Jason Callus beda jghid li hu ma kellu x'jaqsam xejn.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2012, xehed ukoll **PC 1521 Thomas Axiaq** (*a fol.* 58) fejn ezebixxa DVD, li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "TA 1" (*a fol.* 59), f'liema DVD hemm il-filmati ta' dak li kien qed isehh.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2012, xehed l-i**Spettur Edmond Cuschieri** (*a fol.* 65) fejn qal li dakinhar tal-akkadut kien fil-*ground* f'Ta' Qali, ma kienx xoghol, u f'hin minnhom qam argument bejn xi *supporters*. Jghid li f'mument minnhom ra lill-imputat Carmelo Callus ixejjer daqqa ta' ponn fuq surgent jew kuntistabbli li kien qed jipprova jikkonvincih (lil Carmelo Callus) biex ma jkompliex bl-ghajjat li kien qed jaghmel. Jghid li hu (l-iSpettur Cuschieri) nizel minn fejn kien u qal lill-Pulizija biex jarrestaw lill-imputat Carmelo Callus.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2012, xehed ukoll **John Borg** (*a fol.* 67 *et seq.*) fejn qal li kien ufficjal gholi ta' Birkirkara Football Club u qal li dakinhar tal-akkadut qamet kommozzjoni fil-parti fejn ikun hemm is-*supporters* taghhom. Jghid li kien hemm persuna li beda jilletika ma' xi hadd u wara li mar biex jara x'gara ra Pulizija jargumenta mal-imputat Jason Callus Mistoqsi jghid jekk rax lil xi hadd jaqla' xi daqqa, jghid li dawn kienu qeghdin jissaraw verbalment. Jghid li lill-imputat Jason Callus u lill-Pulizija beda jghidilhom biex jikkalmaw ghax kien inutli. Jghid li peress li ra l-kommozzjoni ta' isfel tiggrava aktar, iddecieda li jmur jassisti n-naha l-ohra.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2012, xehdet **Dr. Satya Brata** (*a fol.* 70 *et seq.*) fejn ikkonfermat iz-zewg certifikati medici (Dok. "KF 7" u "KF 8" – *a fol.* 15 u 16) rilaxxati minnha fil-konfront taz-zewg imputati.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2012, xehdet l-i**Spettur Marisa Zammit** (*a fol.* 77 *et seq.*) fejn ikkonfermat li fis-17 ta' Marzu 2012,

PC 1112 George Buhagiar u PC 1121 Brian Casingena kienu membri tal-Korp tal-Pulizija. Ezebiet zewg dokumenti in sostenn ta' dan li gew immarkati bhala Dok. "MZ "1" (*a fol.* 79 *et seq.*) u Dok. "MZ 2" (*a fol.* 81 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2013, xehdet **Dr. Maureen Bezzina** (*a fol.* 99 *et seq.*) fejn ikkonfermat iz-zewg certifikati medici (Dok. "KF 5" u "KF 6" – *a fol.* 13 u 14) rilaxxati minnha. Tispjega li l-griehi sofferti miz-zewg ufficjali tal-Pulizija, Brian Casingena u George Buhagiar, kienu griehi ta' natura hafifa.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2013, xehed **Carmelo Callus** (*a fol.* 103 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-akkadut mar isegwi loghba fil-*ground* ta' Ta' Qali flimkien mat-tfal tieghu: l-imputat Jason Callus u Claire Callus. Jghid li nqalghet kommozzjoni waqt il-loghba li kien qed isewgi u meta ra li kien hemm Pulizija li kienu daru mieghu xi partitarji qal lill-Pulizija iehor (li kien fil-genb tieghu – ta' Carmelo Callus) biex imur jghin lil siehbu l-Pulizija ghax kienu ser iwegghuh. Jghid li bhala eks-Pulizija ma jagixxix hekk. Jghid: *"U ma kienitx kelma mur ghin lil siehbek ghax ser iweggawh, ghax spiccaw gibduni minn wara, tawni skoss go dahri"* (*a fol.* 104). Jghid li gibdu Pulizija. Jghid li kien hemm diversi Pulizija li daru ghalih, li kaxkruh mal-art, u umiljawh. Jghid li pprova jghid lill-Pulizija li huwa ma kien ghamel xejn f'liema waqt ra numru ta' Pulizija ohra mdawrin ma' xi hadd, li wara rrealizza li kien ibnu l-imputat Jason Callus, u bdew jaghtuh bis-sieq. Jghid li gie mnizzel il-*lock up* f'Ta' Qali u f'hin minnhom mar PC 1112 u beda jxejjer ic-cwievet f'idu, u beda jaghtih fuq sidru bic-cwievet u tefghuh gol-*lock up*. Ipprezenta dokument b'xi *blogs* fuqhom, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. "CC 1" (*a fol.* 109 *et seq.*). Giet moqrija lilu d-depozizzjoni moghtija minn PC 5 Luke Busuttil (*a fol.* 39 *et seq.*) u qal li hu ma kienx aggressiv mal-Pulizija. Jghid li huwa jbaghti minn tliet *slip discs*, ghandu daqxejn tensjoni u jiehu xi pilloli wkoll biex izommuh kalm. Ezebixxa dokumenti in sostenn ta' dan li gew immarkati bhala Dok. "CC 2" (*a fol.* 111 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li PC 1112 gideb meta ta d-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti. Jghid li PC 1112 beda jaghtih bic-cwievet fuq sidru. Ghad-domanda: *"U inti qed tghid li kull ordni li taghtek il-*

Pulizija *dakinhar obdejtha?"*, l-imputat wiegeb: *"Obdejtha. U l-ewwel ordni ma stajtx nobdi ghax ma hallewnix fuq saqajja"* (*a fol.* 108).

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2013, xehed ukoll **Jason Callus** (*a fol.* 118 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-akkadut mar il-*ground* flimkien ma' xi nies ohra u li f'hin minnhom inqala' xi dizgwid bejn xi *supporters*. Jghid li kien hemm xi hadd li gara stikka fid-direzzjoni fejn kien hemm missieru l-imputat Carmelo Callus u hu (Jason) mar jara jekk missieru gralux xi haga u ra persuna titkecca l-barra mill-*ground*. Jghid li dan il-persuna kien Joe Azzopardi, li huwa habib ta' missieru. Jghid li sakemm mar hdejn missieru ra lill-missieru jingibed mill-Pulizija wkoll. Jghid: *"U hin minnhom kien ha jaqa' missieri u kif mort biex ma jaqax u biex inzommu minn idu jien litteralment dak il-hin lanqas indunajt li kienu Pulizija, qabduni l-Pulizija minn wara u kaxkruni ghal fejn il-VIP"* (*a fol.* 119). Jghid li kien hemm aktar Pulizija u li dawn bdew jixxutjawh. Jghid li tnizzel il-*lock up* u setgha jara li kien hemm Pulizija li beda jaghti b'idu fuq sider missieru. Jghid li hu (Jason Callus) fl-ebda hin ma ghamel rezistenza. Jghid li l-Pulizija kienu aggressivi mieghu tant li l-qalziet tieghu gie mqatta. Ezebixxa t-*top* u l-*jeans* li kien libes (Dok. "JC 1" u Dok. "JC 2").

In kontro-ezami jghid li Joe Azzopardi kien hdejn missieru l-imputat Carmelo Callus. Jichad li huwa ghamel dak li PC 1112 George Buhagiar xehed.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2014, xehdet **Claire Callus** (*a fol.* 124 *et seq.*) fejn bdiet billi qalet li hija tigi bint l-imputat Carmelo Callus u oht l-imputat Jason Callus. Spjegat li dakinhar tal-akkadut kienet prezenti fil-*ground* f'liema hin inqala' xi glied u rat lil missierha jkellem Pulizija u f'hin minnhom il-Pulizija qabzu fuq missierha. Tghid li kien hemm numru kbir ta' Pulizija, fosthom PC 1121 li jallega li qala' daqqa minn ghand missierha. Tghid li huha l-imputat Jason Callus mar jghin lil missierha u spicca mal-art ukoll peress li l-Pulizija marru ghal fuqu wkoll. Tghid li hi qalghet daqqa minn PC 1121 u ezebiet certifikat mediku li gie mmarkat bhala Dok. "CC 1" (*a fol.* 131).
In kontro-ezami tghid li hi ma kelliex marki fuqha. Tghid li meta PC 1121 beda jxejjer idejh ta daqqa lilha. Tghid li PC 1121 taha daqqa ta' ponn.

In ri-ezami mistoqsija tghid jekk ratx lill-imputati jaghmlu xi haga fil-konfront tal-Pulizija, wiegbet fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2014, xehed ukoll **Charles Zerafa** (*a fol.* 132 *et seq.*) fejn spjega li kien il-*ground* u nqala xi kommozzjoni u f'hin minnhom ra lill-imputat Carmelo Callus ikellem Pulizija u f'hin minnhom ra Pulizija gej bil-girja u hataf lill-imputat Carmelo Callus minn sidru. Gew numru ta' Pulizija ohra u gara dak li x-xhud isejjahlu bhala *"rebus shih"* (*a fol.* 135). Jispjega li gie l-imputat l-iehor Jason Callus u ohtu li ppruvaw jifirdu lill-Pulizija minn ma' missierhom l-imputat Carmelo Callus.

In kontro-ezami mistoqsi jghid kemm kien boghod minn dak li spjega li gara jghid li kien anqas minn metru boghod. Jghid li huwa ma ntlaqatx fir-rissa li nqalghet.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2014, xehed ukoll **Joseph Azzopardi** (*a fol.* 138 *et seq.*) fejn qal li kien il-*ground* isegwi loghba u magenbu kien hemm l-imputat Carmelo Callus. Jghid li nqalghet kommozzjoni bil-konsegwenza li lilu keccewh il-barra. Jghid li kemm huwa (Azzopardi) kif ukoll l-imputat Carmelo Callus ma ghamlu xejn.

In kontro-ezami jghid li hu ma rax lill-imputat Carmelo Callus jigi arrestat.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2014, xehed **Jesmond Abela** (*a fol.* 143 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tal-akkadut kien il-*ground* u fil-hin li kien fil-*bar* sema kommozzjoni, hareg minn fejn kien u setgha jara lill-imputat Jason Callus taht il-Pulizija qed izommuh. Jghid li lill-imputat Jason Callus ma rah jaghmel xejn.

In kontro-ezami mistoqsi jghid jekk l-imputat Jason Callus kienx mimdud taht il-Pulizija, wiegeb: *"Kien tahthom. Mhux qed nghid ezatt ezatt ma niftakarx kif kien. Kien tahthom"* (*a fol.* 145).

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2014, xehed ukoll **Stephen Abela** (*a fol.* 146 *et seq.*) fejn spjega li kien il-*ground* u kien diehel il-VIP biex jixtri kafe flimkien ma' Jesmond Abela u sema' kommossjoni u ra

ghadd ta' Pulizija jzommu lill-imputat Jason Callus. Jghid li Jason Callus kien wiccu mal-art. Jghid li Jason Callus ma kien qed jaghmel xejn x'hin rah hu ghax bilkemm setgha jiccaqlaq. Jghid li ra lill-imputat Carmelo Callus bil-qieghda. Jghid li lil Carmelo Callus ma rah jaghmel xejn.

In kontro-ezami jghid li ma jafx x'ghamel Jason Callus qabel rah mal-art.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2014, xehed ukoll **Stuart Abdilla** (*a fol.* 149 *et seq.*) fejn qal li meta kien fil-*ground*, f'hin minnhom nqalghet konfuzjoni, resaq fejn kien hemm din il-konfuzjoni u ra lil Carmelo Callus fejn Pulizija iehor. Jghid li sema' lil Carmelo Callus jghid lill-Pulizija li kien ahjar kieku jmur jghin lil shabu minhabba l-konfuzjoni li kien hemm. Jghid li f'hin minnhom mar Pulizija b'girja u qabad bis-sahha lil Carmelo Callus u gibdu lura u nqalghet konfuzjoni. Jghid li l-imputat Jason Callus mar biex jghin lil missieru billi rah jipprova jaqla' lill-missieru minn mal-Pulizija. Jghid li l-Pulizija daru ghal fuq Jason Callus u kaxkruh l-gewwa.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "KF 4" – *a fol.* 12 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat Carmelo Callus lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u huwa ma hax dan id-dritt (Dok. "KF 2" – *a fol.* 10), l-imputat Caremlo Callus ta rendikont simili ta' dak li huwa xehed quddiem il-Qorti meta ta d-depozizzjoni tieghu. Cahad li huwa kien ta xi daqqiet lill-Pulizija. Jichad li xi hin irrezista lill-Pulizija. Jghid li l-Pulizija bdew jigbduh u beza li jaqa' mal-art u li jolqtuh biz-zraben u b'hekk ipprova jzomm fuq saqajh. Jichad li stieden lil xi hadd ghal glied. Jichad li sawwat lil xi Pulizija. Jghid li xejjer idu.

Illi, fl-istqarrija (Dok. "KF 3" – *a fol.* 11 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat Jason Callus lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u huwa ma hax dan id-dritt (Dok. "KF 1" – *a fol.* 9), meta l-imputat Jason Callus gie mistoqsi jghid fejn kien hu fil-hin li missieru kien qed jigi arrestat, wiegeb li kien magenbu peress li kien hemm gegwigija u spicca hu fiha. Jghid li hu lill-Pulizija ma tahom l-

ebda daqqa. Jichad li huwa rrezista jew hebb lill-Pulizija. Mistoqsi jghid jekk hux minnu li l-Pulizija wissewh biex ma jindahalx u talbuh biex jersaq lura, wiegeb li hu kien mohhu f'missieru.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet *'... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."
>
> (Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi din il-Qorti hija f'pozizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'pozizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu *viva-voce* quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom *stante* li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Illi din il-Qorti semghet kif inqalghet kommozzjoni waqt li kienet qed tintlaghab loghba fl-i*stadium* f'Ta' Qali u li mentri l-Pulizija jiddeskrivu x'kienet tinvolvi din il-kommozzjoni u x'kien qed isir mill-imputati, l-imputati jaghtu verzjoni ta' kif skond huma sehhew l-affarijiet.

Illi din il-Qorti ghamlet l-ezercizzju li ssemmi l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** imsemmija hawn fuq u serenament tasal ghal konkluzzjoni illi x-xiehda moghtija mix-xhieda tal-prosekuzzjoni huma aktar kredibbli. Il-Qorti tasal ghal din il-konkluzjoni wara li rat il-komportament tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni, b'mod partikolari ta' PC 1112 George Buhagiar, PC 5 Luke Busuttil, PS 518 Joseph Degiovanni, tal-iSpettur Edmond Cuschieri u tal-imputati fuq il-pedana tax-xhud, u dak li huma xehdu, u kif ukoll tax-xhieda prodotti mid-difiza. Fost l-ohrajn, mhux kredibbli l-imputat Carmelo Callus meta jghid li meta huwa qal lill-Pulizija partikolari biex imur jghin lil siehbu, li huwa gie migbud minn wara u nghata skoss go dahru u li gie mkaxkar konsegwenza ta' hekk. Mhijiex kredibbli anqas meta x-xhud Claire Callus (*a fol.* 124 *et seq.*) qalet li rat lil missierha l-imputat Carmelo Callus ikellem Pulizija u f'hin minnhom il-Pulizija qabzu fuqu. Apparti minn dan, il-Qorti tinnota li l-imputat Carmelo Callus jammetti li huwa jbaghti minn tensjoni u jiehu xi pilloli biex izommuh kalm tant li ezebixxa Dok. "CC 2" (*a fol.* 111 *et seq.*) in sostenn ta' dan. Kull kumment iehor ikun superfluwu.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Feriti ta' Natura Hafifa)</u>**:

Illi taht l-ewwel imputazzjoni z-zewg imputati jinsabu akkuzati li kkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 1121 Brian Casingena u fuq PC 1112 George Buhagiar. Il-Qorti tibda billi tinnota illi PC 1121 Brian Casingena ma giex prodott bhala xhud f'dawn il-proceduri u ghaldaqstant id-depozizzjoni tieghu ma gietx mismugha mill-Qorti.

Illi Dr. Maureen Bezzina (*a fol.* 99 *et seq.*) ikkonfermat iz-zewg certifikati medici (Dok. "KF 5" u "KF 6" – *a fol.* 13 u 14) rilaxxati minnha u xehdet li l-griehi sofferti miz-zewg ufficjali tal-Pulizija, Brian Casingena u George Buhagiar, kienu griehi ta' natura hafifa.

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti processwali ma jirrizultax li l-imputat Jason Callus ikkaguna xi griehi fil-konfront ta' xi wiehed mill-ufficjali tal-Pulizija msemmija fl-ewwel imputazzjoni. Mhux l-istess jista' jinghad fir-rigward tal-imputat Carmelo Callus u dana *stante* li jirrizulta sodisfacentement pruvat li l-imputat Carmelo Callus ta daqqa bic-catt fuq wicc PC 1112 George Buhagiar. Dan jixhdu kemm PC 1112 George Buhagiar (*a fol.* 34 *et seq.*) u kif ukoll PS 518 Joseph Degiovanni (*a fol.* 56 *et seq.*). Fir-rigward tal-griehi allegatament sofferti minn PC 1121 Brian Casingena, minkejja li PC 5 Luke Busuttil (*a fol.* 39 *et seq.*) jghid li ra lill-imputat Carmelo Callus jaghti daqqa lil PC 1121 Brian Casingena fuq xuftejh u li mill-ewwel hareg id-demm, il-konferma ta' dan ma saritx minn PC 1121 Brian Casingena, li kif diga nghad ma giex prodott bhala xhud f'dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, filwaqt li l-imputat Jason Callus ser jigi liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni, l-imputat Carmelo Callus ser jigi misjub hati biss li kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 1112 George Buhagiar.

**<u>It-Tieni (2) u t-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Attakk/Rezistenza)</u>**
**<u>(Ingurja/Theddid kontra Ufficjali Pubblici jew fuq il-persuna taghhom)</u>**:
Illi fit-tieni (2) u fit-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati l-imputati jinsabu akkuzati bir-reati konnessi mal-ingurji u vjolenza kontra ufficjali pubblici u precizament bir-reati kkontemplati fl-Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi irid jigi puntwalizzat mill-bidu nett illi hemm distinzjoni netta bejn dawn iz-zewg reati ghalkemm it-tnejn ghandhom bhala vittma persuna fil-vesti ufficjali taghha.

Illi Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-

forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana r-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dana s-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

> *"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

> *"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuseppe Borg** jinghad:

> *"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."*

L-Artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana r-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana r-reat. Il-Mamo jkompli jghid: *"It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith"*. Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 biss. Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghal htija taht dina d-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi *"persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku"*. Illi l-Qorti taghmel riferenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioé illi huwa

necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dana r-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dana r-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."

Illi l-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz is-segwenti:

> "Dana l-artikolu (b'riferenza ghall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".

Illi l-Qorti tinnota li l-iSpettur Marisa Zammit (*a fol. 77 et seq.*) ikkonfermat li fis-17 ta' Marzu 2012, cioé fid-data li allegatament gew kagunati l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taz-zewg imputti, kemm PC 1112 George Buhagiar u kif ukoll PC 1121 Brian Casingena kienu membri tal-Korp tal-Pulizija.[1]

[1] *Vide* Dok. "MZ "1" (*a fol.* 79 *et seq.*) u Dok. "MZ 2" (*a fol.* 81 *et seq.*).

Illi, fir-rigward tal-imputat Carmelo Callus, il-Qorti tinnota li PC 1112 George Buhagiar (*a fol.* 34 *et seq.*) spjega kif l-imputat imsemmi rrifjuta li jidhol fil-*lock up* u beda jaghmel rezistenza. Dan jikkonfermah ukoll PS 518 Joseph Degiovanni (*a fol.* 56 *et seq.*). Mhuwiex kredibbli l-imputat Carmelo Callus meta jghid li huwa gie umiljat mill-Pulizija. L-imputat Carmelo Callus, li jirrizulta li ghamel xi zmien fil-korp tal-Pulizija, messu kien jaf ahjar kif jikkomporta ruhu f'sitwazzjonijiet bhal dawn u li f'kaz li verament kien qed jahseb li kellu ragun kellu jagixxi mod iehor u mhux ikabbar l-affarijiet.

Illi, fir-rigward tal-imputat Jason Callus, il-Qorti tinnota li PC 1112 George Buhagiar (*a fol.* 34 *et seq.*) xehed x'kien qed jaghmel
l-imsemmi imputat fosthom dik li li beda jirrezisti l-Pulizija li ppruvaw johorguh ghal gol-VIP *area*. PC 1112 Buhagiar jispjega wkoll li meta huwa gie f'kuntatt mal-imputat Jason Callus, Jason Callus baqa' jaghti bil-minkeb u ma riedx jimxi tant li Jason Callus kellu jitnizzel mal-art biex setgha jimmanettjah. Da parte tieghu, PS 518 Joseph Degiovanni (*a fol.* 56 *et seq.*) ikkonferma wkoll li l-imputat Jason Callus beda jirrezisti l-arrest, li ma riedx jimxi u ma riedx johrog minn gol-*ground*. Jesmond Abela (*a fol.* 143 *et seq.*), filwaqt li jghid li lill-imputat Jason Callus ma rah jaghmel xejn, jghidukoll li setgha jara lill-imputat Jason Callus taht il-Pulizija qed izommuh. M'huwiex kredibbli l-imputat Jason Callus (*a fol.* 118 *et seq.*) meta jghid li ma ghamel ebda rezistenza.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, u wara li l-Qorti kkunsidrat dak li ghamlu z-zewg imputati u x'inhuma l-elementi kostitutivi tar-reati kkontemplati taht Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif indikati hawn fuq, il-Qorti m'ghandu jibqaghlha l-ebda dubju li t-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront taz-zewg imputati gew sodisfacentement pruvati.

**Ir-Raba' (4) Imputazzjoni**
**(Vjolenza u Theddid kontra Ufficjali Pubblici)**:
Illi r-raba' imputazzjoni miguba fil-konfront taz-zewg imputati temergi minn Artikolu 91 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:

> "Kull min bi vjolenza jew b'theddid iġiegħel uffiċjal pubbliku li jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-kariga tiegħu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa tliet snin".

Illi l-Qorti tinnota minghajr tlaqlieq ta' xejn li din l-imputazzjoni bl-ebda mod ma tirrizulta u b'hekk l-imputati ser jigu liberati minnha.

**<u>Il-Hames (5) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Nuqqas ta' Obbidjenza tal-Ordnijiet Legittimi</u>**:
Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, m'hemmx dubju li z-zewg imputati naqsu milli jobdu l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom mill-Pulizija waqt li dawn kienu qed jaqdu d-doveri taghhom u b'hekk din l-imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata.

**<u>Is-Sitt (6) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Ksur ta' Bon-Ordni/Paci Pubblika b'Ghajjat u Glied)</u>**:
Illi, fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. Dan jirrizulta minn dak mismugh mill-Qorti u b'hekk iz-zewg imputati ser jigu misjuba hatja ta' din l-imputazzjoni.

**<u>Is-Seba' (7) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Mgieba abbuziva)</u>**:
Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq u ta' dak li jirrizulta mill-atti processwali, il-Qorti ma ghandu jibqaghlha l-ebda dubju li l-imgieba taz-zewg imputati kienet wahda abbuziva u b'hekk l-imputati ser jigi misjuba hatja ta' din l-imputazzjoni.

**<u>It-Tmien (8) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Htija ta' reat li persuna kellha tissorvelja biex ma ssirx)</u>**:
Illi l-imputat Carmelo Callus jinsab akkuzat wahdu li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta' reat li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Illi gie pruvat li fis-17 ta' Marzu 2012 l-imputat Carmelo Callus kien jahdem mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili u li kien ilu jahdem hemm mis-sena 2000. Dan xehduh Gillian Carbone (rapprezentant tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili – *a fol.* 44 *et seq.*) u Christian Borg (rapprezentant tal-ETC – *a fol.* 46).[2]

Illi, ghaldaqstant, m'hemmx dubju li t-tmien imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata.

**Ikkunsidrat**

Illi, fir-rigward tal-imputat Carmelo Callus, huma l-imputazzjonijiet kollha li gew addebitati fil-konfront tieghu li gew sodisfacentement pruvati u dana ghajr ghar-raba' (4) imputazzjoni u ghal dik il-parti tal-ewwel (1) imputazzjoni fejn issir riferenza li gew kagunati griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 1121 Brian Casingena.

Illi, fir-rigward tal-imputat Jason Callus, l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu li gew sodisfacentement pruvati huma s-segwenti: it-tieni (2), it-tielet (3), il-hames (5), is-sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjoni.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-naturi tal-imputazzjonijiet li gew addebitati fil-konfront tal-imputati u li gew pruvati, u kif ukoll il-fatt li ma jirrizultax x'fedini penali ghandhom l-imputati, *stante* li dawn baqghu ma gewx ezebiti f'dawn il-proceduri. Fir-rigward tal-imputat Carmelo Callus *stante* li l-imsemmi imputat ser jigi misjub hati ta' dik il-parti tal-ewwel (1) imputazzjoni fejn issir riferenza li gew kagunati griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 1112 George Buhagiar, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni fiex kienet tikkonsisti din il-gerha. Il-Qorti hija tal-fehma illi, tenut kont ta' dan kollu, ma ghandhiex timponi terminu ta' prigunerija effettiva fil-konfront taz-zewg imputati pero ghandha timponi terminu ta' prigunerija li jkun sospiz u dana sabiex l-imputati jaghrfu ma jergghux jirrepetu dak li huma ser jigu misjuba hatja taghhom. It-

[2] *Vide* Dok. "CB 1" (*a fol.* 48).

terminu ta' prigunerija sospiz ser ikun differenti bejn iz-zewg imputati u dana *stante* li z-zewg imputati mhux ser jinstabu hatja tal-istess imputazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti,

- fir-rigward tal-imputat Carmelo Callus, filwaqt li ma ssibux hati tar-raba' (4) imputazzjoni u ta' dik il-parti tal-ewwel (1) imputazzjoni fejn issir riferenza li gew kagunati griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 1121 Brian Casingena u b'hekk tilliberah minnhom, wara li rat Artikoli 95, 96, 141, 221(1), 222(1)(c), 338(dd) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 7 tal-Legislazzjoni Sussidarja 10.33 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Carmelo Callus hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tal-hames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7) u tat-tmien (8) imputazzjoni u ssibu hati wkoll ta' dik il-parti tal-ewwel (1) imputazzjoni fejn issir riferenza li gew kagunati griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 1112 George Buhagiar u tikkundannah ghal perijodu ta' sena prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal sentejn;

- fir-rigward tal-imputat Jason Callus, filwaqt li ma ssibux hati tal-ewwel (1) u tar-raba' (4) imputazzjoni u b'hekk tilliberah minnhom, wara li rat Artikoli 95, 96, 338(dd) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 7 tal-Legislazzjoni Sussidarja 10.33 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Jason Callus hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tal-hames (5), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjoni u tikkundannah ghal perijodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputati Carmelo Callus u Jason Callus fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien sentejn u sena rispettivament.

*In oltre,* wara li l-Qorti rat Regolament 9(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 10.33 tal-Ligijiet ta' Malta, u tenut kont li z-zewg imputati ilhom projbiti milli jattendu f'xi *ground* mindu gew moghtija l-liberta provizorja fid-19 ta' Marzu 2012, il-Qorti taghzel

li ma tipprojbixxix aktar liz-zewg imputati milli jattendu f'xi *ground* tal-isports.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------